# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru 2020

**Rikors Numru : 380/2019JPG**

**Kawza Numru : 24**

**AA**

**Vs**

**MA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' **AA,** datat 14 ta' Awwissu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu f'Malta fil-Knisja ta' San Piju X fil-paroċċa ta' Santa Luċija nhar l-erba' u għoxrin jum ta' Settembru tas-sena elf disa' mija disa' u disgħin (24.09.1999) hekk kif evidenzjat mill-anness estratt tal-Att taż-Żwieġ hawn immarkat bħala Dok AA1.*

2. *Illi miż-żwieġ tagħhom il-partijiet għandhom bint bl-isem ta' NA li twieldet nhar X u li għalhekk għadha minuri.*

3. *Illi b'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Josef C Masini Vento LLD fil-ħdax il-jum ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (11.03.2019) liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dok AA2, il-partijiet bonarjament isseparaw minn xulxin u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti, dan kollu wara li ġew debitament awtorizzati mill-Qorti ta' Malta b'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-*

*Familja) tat-tmienja u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (28.2.2019).*

4. *Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati għal aktar minn erba' snin u dan kif dikjarat fl-aħħar paragrafu tal-kuntratt ta' separazzjoni.*

   ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, illum il-ġurnata, qiegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.*

   iii. *Illi ai termini tal-klawsola numru tlieta (3) u erbgħa (4) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala Dok AA2, il-partijiet iddekadew mill-obbligu ta' manteniment reċiproku, u għalhekk l-ebda manteniment ma huwa dovut f'dan ir-rigward.*

   iv. *Illi ai termini tal-klawsola numru tmienja (8) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala Dok AA2, fir-rigward tal-manteniment għall-wild, l-esponenti obbliga ruħu li jħallas lill-intimata is-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar. Tali manteniment dejjem tħallas regolarment u ma hemmx kwistjoni dwaru.*

5. *Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat lil-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalisiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

i. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fil-Knisja ta' San Piju X fil-paroċċa ta' Santa Lucia nhar l-erba u għoxrin jum ta' Settembru tas-sena elf disa' mija disa' u disgħin (24.09.1999).*

ii. *Tordna lir-Reġistraturi tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk min din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall*

*taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' **MA**, datata 16 ta' Ottubru 2019, a fol 23, li taqra hekk:

*Illi hija taqbel mal-fatti imniżżlin fir-rikors promotur mir-rikorrenti ħlief għall-fatt illi mhuwiex minnu illi l-manteniment tal-wild jitħallas regolarment kif dovut jagħmel skont klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni, anness mar-rikors promotur.*

*Illi fil-fatt, ir-rikorrenti għandu ħafna pagamenti b'lura li għadhom ma tħallsux u li jammontaw għal aktar minn elf Ewro (€1000) u għaldaqstant ma huwa regolari xejn fil-pagamenti.*

*Illi preżentament ma għandha l-ebda garanzija illi mhux ser tissussiti din il-problema ta' nuqqas ta' ħlas.*

*Għaldaqstant l-esponenti qiegħda topponi għat-talbiet rikorrenti, sakemm ma jitħallsux l-arretrati kollha dovuti lilha u tingħata l-garanzija preskritta mil-liġi, f'dawn il-każijiet, rigward il-ħlasijiet futuri.*

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar 2020 ( fol 26 ) fejn l-intimata ivverbalizzat illi hija tixtieq tirriverti lura għall-kunjom xbubitha cioe P ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MA** xehdet bil-ġurament – fol 28 - illi hija iżżewwġet lil AA fl-24 ta' Settembru 1999 u minn dan iż-żwieġ twieldet tifla. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni f'Marzu 2019. Xehdet illi l-partijiet kienu ilhom jgħixu separatament il-fuq minn erba' snin. Xehdet ukoll illi ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni.

**MA** reġgħet xehdet, din id-darba bl-affidavit – fol 31B – illi l-manteniment ma jitħallasx regolarment kif dovut skond klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni. Xehdet illi r-rikorrenti għandu ħafna pagamenti b'lura li għadhom ma tħallsux u li jammontaw għall-tliet elef tmien mija u ħamsin Ewro (€3,850). Xehdet illi hija tixtieq li tiġi milqugħa it-talba u li jingħata d-divorzju minn din il-Qorti pero mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha li tirkupra ammonti dovuti lilha b'mezzi ċivili għad-disposizzjoni tagħha.

**AA** xehed bil-ġurament – fol 34 – u ikkonferma u ikkorrobora dak li xehdet martu **MA** u żied jgħid ukoll illi l-manteniment li kien b'lura illum huwa settled.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-24 ta' Settembru 1999 (Vide Dok AA1 fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed, li għadha minuri;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Josef C Masini Vento, datat 11 ta' Marzu 2019 (vide fol 5 et seqq.), ghalkemm kienu ilhom isseparati *de facto* 'l fuq minn erbgħa snin;

Jirrizulta ukoll illi l-intimata irrevediet il-posizzjoni tagħha u xehdet ( fol 31 B) illi hija xtaqet illi tiġi milqugħa t-talba għall-otteniment tad-divorzju minkejja l-arretrati dovuti ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre illi gie pruvat li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti taghraf illi l-Legislatur Malti kien car daqs il-kristall fejn si tratta ta' manteniment dovut **minn min qieghed jintavola l-azzjoni** ghad-divorzju, infatti Artikolu 66B(c) jipprovdi:

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, [ id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:]***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Minkejja li gie ndikat lill-Qorti li sar forma ta' pagament f'ammont biss ta' 1,200 Ewro, din il-Qorti ma ghandhiex konferma li l-ammont ta' manteniment dovut ta' 3,850 Ewros in effett gie mhallas mill-attur. (Vide Fol 32).

**Ghalhekk sakemm l-attur ihallas u jissalda l-manteniment dovut lil martu, ghan-nom tat-tifla taghhom – u cioe is-somma ta' €3850, il-Qorti ma tistax tghamel altru hlief tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba.**

**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**